KUNSILL LOKALI

KALKARA

LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 08/2020

16 ta' Lulju 2020

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1/ 2, Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, Kalkara, fid-9:00 ta' filgħodu.

### PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Wayne Aquilina | - Sindku |
| Vincent Bongailas | - Viċi-Sindku |
| Maria Sultana | - Kunsilliera |
| Speranza Chricop | - Kunsilliera |
| Christopher Bruno | - Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Nil

### ASSENTI:

Nil

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Elaine Caruana - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa

**8.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

8.1.1 Ma kienx hemm

**8.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti**

8.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 7 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija

8.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Wayne Aquilina ssekondata mis-Sinjura Speranza Chircop il-minuti ġew approvati unanimament

**8.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

**8.3.A**

- Is-Sindku informa l-kunsll dwar laqgħat u tnehdija formali li saret aktar kmieni dan ix-xahar li attendew għalihom kemm is-Sur Wayne Aquilina bħala Sindku kif ukoll il-kunsilliera Speranza Chircop.

Dan il-proġett bi titlu ta' 'slow streets' qed jiġi kkordinat mill-assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali flimkien ma' awtoritajiet governattivi oħra fejn il-kunsilli li urew interess ser ikunu qed jibbenefikaw minn studju fuq żoni li bħala kunsill stess iridu jiġu ssuġeriti biex isiru studji fuqhom bħala gwida lokali fejn wieħed jista' jagħlaq l-aċċess temporanjament għal karozzi u jitħallew żoni pedonali għal benefiċċju tar-residenti tal-istess lokal. Dan l-istudju hemm ukoll ħsieb u għaddejjin diskussjonjiet biex jiġi ffinanzjat mir-reġjuni rispettivi.

Fost diskussjoni ssemmew ukoll eżempji ċari ta kif wieħed jista' jieħu ideat minn lokalitajiet oħra li diġa' qiegħedin jagħlqu żoni biex jiġu pedonali fil-preżent bħal per eżempju x-Xatt tal-Isla ikun magħluq mill-ġimgħa filgħaxija għal ħadd filgħaxijja għal karozzi biex wieħed ikun komdu jagħmel passiġġata mingħajr ma jkun fil-periklu.

Is-Sindku ser ikun qiegħed jinforma l-kunsill kull darba li jkun hemm xi żviluppi fuq dan il-proġett biex b'hekk il-membri kollha jkollom ċans jaħsbu u jissuġġerixxu żoni li skond huma jkunu tajbin għall-proġett bħal dan fil-futur qarib.

**B** Is-Sur Sindku talab il-koperazzjoni tal-membri kollha tal-kunsill biex jinġibed ħabel wieħed fejn ser ikun hemm ilmenti fuq il-ġimgħa tal-festa. Is-Sindku żied jgħid illi dan ix-xahar ma kien xejn faċli biex ġiet ippjanata l-loġistika tat-tindif kif ukoll loġistika fuq affarijiet relatati mal-festa dan minħabba l-fatt illi din is-sena l-festa kienet ser issir b'differenza b'tibdil kontinwu skond ir-regoli li kienu qed jinħarġu minn lejl għan-nhar mill-awtoritajiet ikkonċernati fosthom il-kurja u l-gvern innifsu.

Is-Sindku kkonferma illi din is-sena ix-Xatt kien ser ikun magħluq biss mill-ġimgħa filgħaxija dan minħabba l-fatt illi nar tal-art ma kienx ser jinħaraq bħas-snin preċedenti. Il-każini ġew imlaqqgħin mas-Sindku u s-Seg Eżek separatament ġewwa l-uffiċju amministrattiv tal-kunsll biex jiġu diskussi l-attivitajiet rispettivi biex wieħed ikun jista' jippjana tindif u dak kollhu li kien hemm bżonn minn naħa tal-kunsill bil-kollaborazzjoni sħiħa tal-kuntratturi biex b'hekk jitnaqqsu l-ilmenti minn naħa tar-residenti stess.

**C** Is-Sindku informa l-kunsill dwar permess mill-planning authority li nħareġ definittivament dan anka wara li l-kunsill stess għamel l-oġġezzjoni tiegħu waqt board meeting kif ukoll b'email formali li ntbgħatet lill-istess awtorita' aktar kmieni fis-sena 2019. Dan il-permess diġa' kien ġie diskuss f'laqgħat preċedenti tal-kunsill li jirrigwarda binja ta' tmintax il-appartament viċin 'cart ruts' storiċi li hawn fil-Kalkara n-naħa ta' Triq Patri Mattew Sultana. Is-Sindku żied jgħid illi avolja l-kummenti ta' xi nies fuq il-midja soċjali kienu ferm diżappuntanti għalih bħala Sindku tal-lokal, in-nies tajjeb ikunu jafu illi l-kunsill kien mill-bidu kontra l-fatt illi ser jitmessu dawn il-'curt ruts' u mhux kontra l-iżvilupp innifsu. Huwa għamilha ċara li L-impressjoni li l- kunsill m'għamel xejn fuq dan ir-rigward hija waħda żbaljata tant hu hekk illi fil- ġranet li ġejjin is-Sindku ser ikun qed ilaqqa' r-residenti tal-istess żona biex jisma l-kummenti tagħhom fuq parti oħra relatata mal-istess permess fejn ser tkun qed tinfetaħ triq li tagħti għal Triq it-Turetta. Is-Sindku talab lill-membri kollha jkunu preżenti biex b'hekk din tkun kwistjoni ta' għaqda u nkomplu nagħmlu dak li nistgħu fuq din il-kwistjoni biex forsi biċċa storja mill-istess lokal ma tintilifx mar- riħ hekk kif jgħid il-malti.

**D** Is-Sindku informa l-kunsill illi għal darb'oħra ġie skedat meeting mal-korporazzjoni WSC kif ukoll mal-kuntrattur li qiegħed jaħdem ġewwa Triq il-Missjoni Taljana u ż-żoni tal-madwar dan wara ħafna lmenti li ta kuljum qiegħedin jidħlu l-kunsill fuq id-diżastru li hawn bħalissa fil-lokal. Is-Sindku qal illi ftit tal-jiem ilu flimkien mas-Seg Eżek iltaqa' mal-project coordinator fejn dan talab l-approvazzjoni tal-kunsill biex tibda titkisser it-triq lejn Santa Liberata fejn b'wiċċu minn quddiem is-Sindku rrifjuta li titkisser triq oħra qabel ma jingħalaq ix-xogħol fiż-żoni kollha l-oħra li għadhom bla asphalt. Is-Sur Aquilina żied jgħid illi n-nuqqas ta' kordinazzjoni f'dan il-proġett huwa qiegħed insapportabbli saħansitra wara li saret bankina ġdida lejn in-naħa ta' Santa Liberata li kienet ilha pendenti biex issir għal aktar minn 7 snin u issa għax lesta ser terġa' tintmess minħabba dan il-

proġett. Is-Sindku qal illi huwa jifhem illi x-xoghol irid isir pero' mhux bil-mod kif qed jiġi żviluppat, bla nuqqas ta' kordinazzjoni, nuqqas ta' tabelli, nuqqas ta' dawl mas-siti ta' kostruzzjoni speċjalment ħabba saħħa u sigurta' bil-lejl u ħafna affarijiet oħra relatati. Il-laqgħa maż-żewġ partijiet skedata għal aktar tard dan ix-xahar ġewwa l-uffiċini tal-WSC stess biex tiġi diskussa l-way forward fuq dan il-proġett u ssir pressjoni minn naħa tal-kunsill biex iż-żoni li t-tħaffir lest fihom jingħalqu darba għal dejjem ħabba raġunijiet ovvji.

**E 1** Is-Seg Eżek ippreżentat it-2 rapport ta' finanzi tas-sena 2020 tal-kunsill fejn unanimament ġie approvat mill-kunsill biex dan ikun jista' jittella online skond il-proċedura kollha.

**F1** Is-Sindku informa l-kunsill dwar l-installazjoni ta' CCTV cameras fi Triq ix-Xatt minn naħa ta' LESA fejn spjega u kkonferma illi l-kunsill m'għandux aċċess għal 'live stream' ta' dawn il-cameras minħabba l-fatt illi dawn il-cameras jaqgħu taħt ir-responsabbilta' diretta tal-LESA u mhux tal-kunsill.

Il-kunsill ser ikun qed jitlob rendikont lil din l-awtorita' għal affini ta' referenza biex wieħed jara l-effett tagħhom f'dik iż-żona fejn għal ħafna snin il-kunsill irċieva lmenti ta' double parking kif ukoll ta' sewqan bl-addoċċ fl-istess żona.

Is-Sindku żied jgħid illi dawn c-CCTV cameras ma tweħħlu bl-ebda mod biex jiskomodaw ħanut partikolari fiż-żona hekk kif forsi gie miftihem ftit tal-jiem ilu u lanqas biex jiskomoda lir-residenti li joqgħodu fl-inħawi assolutament. Tajjeb illi wieħed jifhem illi dawn ġew installati għal affini ta' saħħa u sigurta' fejn tidħol is-sigurta' fit-toroq tagħna u xejn aktar.

8.4.1 Is-Sindku informa l-kunsill fuq ix-xogħolijiet kollha li saru f'dawn l-aħħar jiem fiż-żona tal-Bajja ta' Rinella li jinkludi:

Ċnut ġodda
Żebgħa
Żieda ta' bins
Railings ġodda
Tneħħija ta' ġebel minn fuq ir-ramel

Is-Sindku żied jgħid illi fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku s-Sur Vincent Bongailas iż-żona tal-għum għal klieb ġiet ukoll imrawwma b'decking kif ukoll railing biex il-klieb u s-sidien ikunu aktar komdi jinżlu jgħumu.

Fuq din l-istess żona wkoll is-Sindku qal illi huwa nfurmat li għaddejja wkoll petizzjoni online abbażi li skond ħafna aħna bħala kunsill biddilna din l-akkwata meta fil-verita' m'hu xejn minn dan għaliex kien hemm aggornament biss fit-

tabella minħabba l-fatt li din kienet iċċarat bix-xemx u tweħħlet oħra biex wieħed ikun jista' jaqra u jara ċar il-kliem li hemm fuqha xejn speċjali. Flimkien ma' din it-tabella inbiddlu u żdiedu tabelli mad-dawra tal-Bajja kollha kif ukoll f'kull aċċess biex wieħed ikun jaf ir-regoli fuq il-Bajja tagħna kemm fuq ir-ramel kif ukoll fuq iż-żoni li hemm mill-blat. It-tabelli għamlu ħoss fil-pożittiv mill-feedback li ingħata lis-Sindku dirett kif ukoll telefonati li daħlu l-uffiċju tal-istess kunsill.

L-aħħar punt is-Sindku saħaq illi c-CCTV cameras ġejjin installati ġimgħa wara din is-seduta minħabba l-fatt illi sa din il-ġurnata kienu qiegħedin biex jiġu iggalvanizzati minħabba li ser ikunu viċin il-baħar biex żgur ma jiġrilomx ħsara. It-technicians kollha preparati biex kif dawn jitlestew issir l-installazjoni u l-online settings li hemm bżonn biex ikunu funzjonabbli 100 percent.

8.4.2 Is-Sindku ta rendikont lill-kunsill fuq ir-rillokazzjoni ta' skips hekk kif ġie deċiż f'seduta preċedenti u kkonferma illi azzjoni minn naħa tiegħu kif ukoll tas-Seg Eżek u l-contracts manager ħaddmu fuq is-suġġerimenti tal-istess kunsill matul dan ix-xahar:

L-iskip ta' Santu Rokku tneħħiet u ma kienx hemm ilmenti fuqha l-ibins ta' fejn Smart City tneħħew, tweħħlu sinjali u ma baqax jintefa skart goff f'dik iż-żona
l-iskip ta' Triq Patri Mattew Sultana ġiet meħuda ġewwa Triq it-Turretta fejn l-ewwel ftit jiem in-nies baqgħu jitfaw il-boroż fil-kantuniera fejn kienet oriġinarjament l-iskip pero' imbgħad indrat u ma baqax jintefa żibel fiż-żona
Il-feedback li ingħata s-Sindku minn nies ta' Triq it-Turretta s'issa jidher li ma kienx hemm problema. L-iskips tal-Married Quarters tneħħew u ma baqax jintefa skart goff fiż-żona. Il-problema qiegħeda fi Triq Luigi Pisani li allavolja tneħħiet l-iskip in-nies tal-akkwata qed ikomplu jitfaw ammont konsiderevoli ta' boroż taż-żibel mal-kantuniera. Is-Sindku żied jgħid li talab l-assistenza wkoll tal-uffiċjali tal-komunita' biex jirregolaw dak li qed isir ħażin fil-preżent u qed jispera li n-nies jikkolaboraw mall-kunsill biex inżommu l-lokal dejjem aktar nadif.

Is-Sindku żied jgħid fuq ukoll suġġeriment tal-kunsilliera s-Sinjura Maria Sultana illi l-pass li jmiss wieħed għandu jaħseb għal post alternattiv għal iskips li hemm fiż-żona ta' Triq Rinella. Din għandha tkun diskussjoni mal-kumplament tal-kunsill fil-futur qarib.

8.4.3 Is-Seg Eżek fuq anke suġġerimenti tal-accountantants meta ġew jagħtu spjega fuq il-financial statements tal-kunsill hemm bżonn li jsir eżerċizzju bl-isem ta' FAR fejn dan ser jgħin il-qada finanzjarja tal-kunsill biex b'hekk ikun hemm aktar stampa ċara tal-finanzi u l-qada finanzjarja tal-istess kunsill biex anke numri li ġejjin mis-snin ta' qabel ikunu jistgħu jitneħħew mill-kotba tal-kunsill darba għal dejjem u l-kunsill ikollu aktar figuri eżatt fejn jidħlu finanzi u affarijiet relatati.

8.4.a1 Is-Sur Viċi Sindku s-Sur Vince Bongailas ikkonferma li dan il-punt minn fuq l-aġenda diġa' ġie diskuss qabel f'din is-seduta stess

8.4.a2 Is-Sur Bongailas talab lis-Sindku tinġieb imqar data ta' meta ser jispiċċaw ix-xogħolijiet li qed isiru taħt l-Esplora biex jerġa' jinfetaħ it-taraġ li issa ilu magħluq aktar minn 3 snin, kif ukoll forsi wieħed jikseb informazzjoni fuq il-kwistjoni tal-ferry bil-baħar mill-Kalkara.

8.4a3 Is-Sur Vince Bongailas informa l-kunsill illi l-gym tar-regatta infetaħ ukoll b'xejn għal pubbliku kif ukoll hu personali qed jagħti sezzjonijiet b'xejn il-min hu interessat b'mod volontarju minn naħa tiegħu stess.

8.4a4 Is-Sur Viċi Sindku s-Sur Vince Bongailas ikkonferma li dan il-punt minn fuq l-aġenda diġa' ġie diskuss qabel f'din is-seduta stess.

8.4a5 Is-Sur Viċi Sindku s-Sur Vince Bongailas ikkonferma li dan il-punt minn fuq l-aġenda diġa' ġie diskuss qabel f'din is-seduta stess.

8.4a6 Is-Sur Viċi Sindku informa l-kunsill li attenda laqgħa formali li saret aktar kmieni dan ix-xahar biex jinġiebu fondi għal annimali fil-lokal. Huwa żied jgħid illi s-Seg Eżek diġa' kienet ikkonfermatlu illi intbgħatet l-applikazzjoni f'isem il-kunsill biex jinġiebu fondi għal ikel, żieda ta' tindif kif ukoll żoni aktar aċċessibli għal-annimali fiż-żona ta' Rinella.

8.4.a7 Is-Sur Viċi Sindku talab l-għajnuna tas-Seg Eżek biex tispjega sewwa resident partikolari x'għandu jagħmel biex iġib permess biex jagħmel kanal quddiem l-għalqa tiegħu biex l-ilma tax-xita ma jintilifx u jagħmel użu minnu hu fl-għalqa tiegħu personali. Is-Seg Eżek ikkonfermat illi din il-persuna kienet kellmita l-uffiċju tagħha aktar kmieni dan ix-xahar u kkonfermatlu li jekk ikollu bżonn xi tip ta' għajnuna minn naħa tagħha jċempillha jew imur il-kunsill biex tkun tista' tgħinu hekk kif ikun jixtieq.

8.4.b1 Is-Sinjura Maria Sultana saħħqet illi hemm bżonn li l-kunsill jaħseb għat-tranġar ta' bankini fi:

Triq Santa Filumena
Triq is-Sienja
Triq Patist Borda
Mal-inħawi tal-Pjazza tas-Sagra

8.4b2 Is-Sinjura Sultana saħħqet illi hemm bżonn li l-kunsill jerġa' jagħmel pressjoni biex jitkompla u jiffinalizza x-xogħol li qed isir f'taraġ San Ġużepp.

Is-Sindku spjega l-punti ta' hawn taħt fuq dan il-punt li tqajjem fir-rigward ta' San Ġużepp:

1) L-istruttura issa hija lesta kollha. Tpoġġa l-konkos li jilqa' l-piż
2) Dan il-ħajt mhux ħajt normali iżda huwa 'retaining wall' biex il-ġnien ma jinżilx fuq it-taraġ u għal daqstant dak huwa l-periklu li qed jiġi evitat b'dan il-proġett.
3) Ix-xogħol reġa' waqa lura għal żewġ raġunijiet partikolari matul Marzu u April 2020. L-ewwel minħabba li nstabgħbet bokka ta' xelter u t-tieni minħabba l-covid19
4) Issa ser tibda fażi oħra tal-proġett. It-tqegħid tal-qoxra bil-ġebla tal-franka biex il-ħajt ma jibqax jidher tal-konkos
5) bħala makkinarju mhux ħa jkun hemm makkinarju goff fiż-żona
6) L-unika makkinarju kemm xejn kbir li jista' jintuża huwa biex iwittu l-ħamrija tal-ġnien
7) Għalissa xorta t-taraġ ma jistax jinfetaħ
8) Sal-aħħar ta' Settembru għandu jkun lest

8.4b3Is-Sinjura Maria Sultana għamlet enfażi fuq il-kampijiet u gazebos li qed jintramaw fil-bajja ta' Rinella u l-ammont ta' ħmieġ li qed jintefa fil-baħar mid-dgħajjes li qed jorbtu viċin l-istess bajja.

Is-Sindku żied jgħid illi din hija kwistjoni ta' infurzar għaliex bħala kunsill għamilna dak kollhu li stajna f'din iż-żona hekk kif ġie spjegat aktar kmieni f'din is-seduta. Dawn il-punti huma kwistjonijiet ta' infurzar minn awtoritajiet oħra kif ukoll qal illi ser ikun qed jara d-draft tal-'byelaws' preparati mis-Seg Eżek relatati ma' dawn il-punti li qed issemmi s-Sinjura Sultana biex b'hekk wieħed jara x'jista' jagħmel iktar.

8.4c1 Is-Sinjura Speranza Chircop talbet il-kunsill jieħu ħsieb ikellem il-perit responsabbli mix-xogħolijiet li qed isiru fi Triq il-Kapuċċini għaliex avviċinawa ħafna residenti minn din iż-żona u qalula li saru xi xogħolijiet ta' storbju fis-2 ta' filgħodu.

8.4c2 Is-Sinjura Speranza Chircop staqsiet fuq arblu li nqala' minn naħa tal-fetħa msejħa tal-bebbuxu, is-Seg Eżek spjegat illi inqala' arblu minħabba li kien qed jitqaċċat u tweħħel ieħor biex idawwal iż-żona għal benefiċċju ta' dawk ir-residenti li jagħmlu użu mill-bankijiet tal-pjazza stess din il-ġimgħa stess.

8.4c3 Is-Sinjura Speranza Chircop ikkonfermat ħarġiet li ser tkun qed tagħmel fix-xahar ta' Settembru 2020 għall-familji kollha u anke għall-irġiel rispettivament.

8.4c4 Is-Sinjura Speranza Chircop staqsiet lis-Sindku x'kien sar fuq il-'bye law' li kien hemm preparata fuq il-Bajja ta' Rinella. Is-Sindku reġa' kkonferma li ser ikun qiegħed jidħol fiha u jara jekk għadiex applikabbli għal dawn iż-żminijiet wara li kienet ilha pendenti għal aktar minn sentejn.

8.4c5 Is-Sinjura Speranza Chircop staqsiet jekk kienx hemm xi żvilluppi rigward transport bit-tuktuk fil-lokal. Is-Sindku wieġeb illi hu kien staqsa lin-nies li bbenefikaw minn dan il-proġett pilota fejn ikkonfermalu li m'għadomx vijabbli fil-preżent.

8.4d1 Is-Sur Chris Bruno saħaq li hemm bżonn illi wieħed jieħu ħsieb il-pjanti li qed imutu fil-planters li hemm fl-inħawi ta' Triq is-Sienja

.

**8.5 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti.**

**8.5.1** Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda kienet intbgħatet via email aktar kmieni din il-ġimgħa biex kull kunsillier ikollu ċans jagħtiha titwila kif suppost qabel japprova l-istess pagamenti .

**8.5.2** Fuq proposta tas-Sa. Maria Sultana ssekondata mis-Sur Vincent Bongailas, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' ħlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A). 7.20

**8.6 Mozzjonijiet**

8.6.1 Ma kienx hemm

**8.7 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

8.7.1 Is-Seduta ntemmet fil-11:30 am. wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għat-12 ta' Awwissu 2020 fid-9:30 am.

Konfermati, illum ________________________________

________________________

**Wayne Aquilina**
Sindku

________________________

**Elaine Caruana**
Segretarju Eżekuttiv